

Ħarġa numru 1: Ottubru, 2012

# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

L-idea wara din il-pubblikazzjoni elettronika-virtwali hija dik li timla l-vojt li jitħalla kull meta fil-gazzetti lokali Maltin, minħabba xi raġuni jew oħra, il-Paġni Letterarji jitwarrbu jew jieqfu kompletament. Għaliex *Il-Pont*? Dan biex isservi bħala punt ta' komunikazzjoni bejn dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-letteratura in ġenerali b'enfasi fuq dik Maltija. *Il-Pont* anki għax hija xewqa ewlenija tal-Editur li jinżamm ċertu kuntatt bejn min qed jikteb u x'qiegħed jinkiteb hawn Malta, u min qed jikteb u x'qiegħed jinkiteb barra minn Malta, l-aktar fejn jidħlu kittieba Maltin, imma mhux biss.

Se jkun għan ewlieni ta' *Il-Pont* li jagħti spazju lil dawk il-kittieba li s-soltu, minħabba xi raġuni jew oħra, jingħataw biss ftit spazju jew xejn fil-gazzetti lokali. Ikun hemm ukoll spazju għal kitbiet marbutin ma' oqsma artistiċi oħra, dejjem jekk tinqala' l-okkażjoni.

*Il-Pont* huwa pubblikazzjoni elettronika-virtwali bil-għan li dak li jkun jaqraha u jgħaddiha anki lil ħbiebu permezz tal-internet. Se jkun hemm ukoll spazju biex il-qarrejja jkunu jistgħu jidħlu f'kuntatt mal-Editur, jibagħtu materjal f'rabta mal-letteratura u anki aħbarijiet ta' natura differenti dwar dan il-qasam. *Il-Pont* huwa miftuħ għal suġġerimenti biex bil-mod il-mod jitjieb dejjem iktar bħala prodott finali.

Min hawn nixtieq insellem lil dawk kollha li se jiġu wiċċ imb wiċċ ma' din il-pubblikazzjoni ġdida u jaqrawha. Kull min jixtieq jikteb lill-Editur jew jibgħat materjal relevanti, li m'għandux ikun twil ħafna, jista' juża dan il-kuntatt: **sammutpatrickj@gmail.com**

# L-AĦBARIJIET

**ALFRED MASSA MAĦTUR PRESIDENT ONORARJU**

Nhar l-Erbgħa, 5 ta' Settembru, ġewwa Dar il-Kejka f'Ħal Tarxien, l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet serata f'ġieħ is-Sur Alfred Massa, ex-President tal-istess għaqda. Fost il-pubbliku kien hemm is-Sindku ta' Ħal Tarxien, il-Kav. Pawlu Farrugia, il-Viċi Sindku, kunsilliera u membri. Waqt din l-attività xi membri qraw uħud mix-xogħlijiet ta' dan il-kittieb ... fosthom poeżiji bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan u siltiet minn rumanzi u novelli. Il-President attwali, is-Sur Charles Magro, ippreżenta din is-serata u fetaħ billi għamel diskors ta' apprezzament dwar is-Sur Massa. Il-kantawtur Walter Micallef żewwaq din l-attività bi kliem u mużika mill-isbaħ li ħarġu mill-pinna tiegħu stess. Alfred Massa ġie wkoll mogħti t-titlu prestiġjuż ta' President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin.



Fid-diskors tiegħu s-Sur Massa qal kif flimkien mas-Sur Amante Buontempo kienu l-ewwel pijunieri tal-Għaqda Poeti Maltin u pass wara pass u b'ħidma b'ħafna dedikazzjoni laħaq sal-ogħla kariga. Huwa qal illi jixtieq jgħaddi messaġġ lil-President il-ġdid, is-Sur Charles Magro, l-istess messaġġ illi għaxar snin qabel kien ġie mgħoddi lilu mir-Rev. Buontempo ... biex jibqa' jħobb l-Għaqda. Huwa rringrazzja lil dawk kollha preżenti, lis-Sindku u anki lill-membri tas-sehem illi taw u li qegħdin jagħtu. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas irringrazzja wkoll lis-sinjura tiegħu talli dejjem kienet ta' għajnuna u ta' sapport matul l-impenn tiegħu fi ħdan l-Għaqda Poeti Maltin. Is-Sindku, il-Kav. Pawlu Farrugia, faħħar lis-Sur Massa għax-xogħol metikoluż tiegħu u ta' ħidmietu mhux biss fl-Għaqda Poeti Maltin imma wkoll għax-xogħol li jwettaq għall-parroċċa ta' Ħal Tarxien, li tant iħobb. Is-Sur Massa ngħata wkoll tifkiriet għall-okkażjoni.

**KITTIEB ĊINIŻ JIRBAĦ IL-PREMJU NOBEL GĦAL-LETTERATURA 2012**

Proprju fix-xahar ta' Ottubru ntrebaħ ukoll il-Premju Nobel għal-Letteratura, 2012. Dan ingħata lill-kittieb prolifiku Ċiniż, Mo Yan, li ppubblika għall-ewwel darba ġabra ta' stejjer qosra fl-1981, meta kien għadu suldat fl-armata. Illum għandu 57 sena, u fil-kitbiet tiegħu jorbot flimkien il-ħrafa tradizzjonali mal-istorja u mal-kontemporanju. Mo Yan huwa l-109 kittieb li rċieva dan il-Premju prestiġġjuż li għandu valur ta' 741 elf Sterlina. Mo Yan fl-ilsien Ċiniż tfisser "la titkellimx". Sar magħruf internazzjonalment fl-1987 bir-rumanz *Red Sorghum: A Novel of China*, li wara nħadem f'film li rebaħ l-Ors tad-Deheb tal-*Berlin Film Festival* tal-1988. Xogħlijiet magħrufin oħra ta' Yan huma *Republic of Wine*, *Life and Death are Wearing Me Out* u *Big Breasts and Wide Hips*. L-iktar rumanz reċenti tiegħu jismu *Frog*.

**SIĠRA TAL-POEŻIJA BIEX JITFAKKAR JUM IL-POEŻIJA FL-IRLANDA**

Nhar il-Ħamis, 4 ta' Ottubru, ġie mfakkar *All Ireland Poetry Day* fil-kontea ta' Majo fl-Irlanda, billi fil-librerija tal-lokal intramat "Siġra tal-Poeżija" b'poeżiji miktubin minn studenti tal-Primarja u tas-Sekondarja, assoċjazzjonijiet ta' persuni rtirati, gruppi ta' awturi, u anki individwi indipendenti. Bosta mill-poeżiji kienu oriġinali, imma twaħħlu oħrajn ta' poeti kbar bħal Seamus Heaney, Rita Ann Higgins, William Stafford u Sir Thomas Wyatt. Is-sabiħ hu li fost il-poeżiji preżenti kien hemm ukoll xi wħud miktubin minn membri tal-Għaqda Poeti Maltin li pparteċipaw f'inizzjattiva bħal din permezz tal-*e-mail*!



# L-AĦBARIJIET

**Lejla Internazzjonali ta' Poeżija f'B'Kara mill-Għaqda Poeti Maltin**

Nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru, 2012, fis-7 p.m., l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet Lejla Internazzjonali ta' Poeżija fis-sala ewlenija tal-Kunsill Lokali ta' B'Kara. Din seħħet in kontemporanja ma' lejliet ta' poeżija oħra madwar id-dinja kollha bħala parti mill-inizzjattiva **100,000 Poets for Change**. Din is-sena saru mat-800 *reading* f'115 pajjiż differenti. It-temi ewlenin ittrattati mill-poeti parteċipanti kienu l-paċi, is-sostenibbiltà u l-bidla lejn dinja aħjar.

Il-Lejla nfetħet b'diskors tal-President tal-Għ.P.M., is-Sur Charles Magro, li wera l-pjaċir tiegħu li Malta, permezz tal-Għaqda, kienet għal darb'oħra qed titpoġġa fuq il-mappa dinjija permezz tal-parteċipazzjoni tagħha f'dan l-avveniment internazzjonali. Qal ukoll li l-poeta għandu d-dmir li jaħdem biex iġib dinja aħjar, u dan permezz tal-poeżija tiegħu. Matul il-Lejla mtellgħa pparteċipaw mal-15-il poeta li qraw poeżiji bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan. Il-Lejla tmexxiet minn Miriam Ellul, il-P.R.O. tal-Għaqda u l-kantanta lirika Analise Schiriha żewqet l-avveniment b'kanzunetti jew għanjiet mir-repertorju liriku Malti u internazzjonali.



Għat-tieni darba avveniment bħal dan seta' jseħħ bl-għajnuna tal-membru attiv u poeta, Therese Pace. Avveniment bħal dan u l-poeżiji li nqraw matul il-Lejla se jittellgħu fuq is-sit virtwali u internazzjonali www.100TPC.org.

**L-Għaqda Poeti Maltin taħtar Membru Onorarju ġdid**

Nhar il-Ħamis, 18 ta' Ottubru, fis-7 p.m., fis-sala ewlenija tas-Soċjetà tal-Arti Manifattura u Kummerċ, l-Għ.P.M. tellgħet Lejla ta' Poeżija u Mużika li matulha ħatret lis-Sur Rigu Bovingdon bħala Membru Onorarju tagħna. Fid-diskors tal-ftuħ il-President tal-Għ.P.M., is-Sur Charles Magro, fakkar li sa mill-bidu tagħha fl-1975 l-Għaqda ħatret bosta Membri Onorarji. Qal ukoll li matul dawn is-snin l-Għaqda gawdiet prestiġju kbir bħalma kienu l-għaxar edizzjonijiet tal-Premio Città di Valletta li kien taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta u li kien jingħata lil personalitajiet li jkunu eċċellaw f'oqsma artistiċi differenti. Magro sostna li l-ħatra ta' Bovingdon bħala Membru Onorarju żgur għandha sservi ta' spinta lill-istess Għaqda biex isimha jkompli jinfirex fil-kontinent Awstraljan.

Il-lejla tmexxiet mis-Sinjura Miriam Ellul, il-P.R.O. Is-Sur Paul Buhagiar ipprovda l-intervalli mużikali b'kanzunetti b'ilsna differenti. Waqt il-lejla l-membri preżenti qraw xi



poeżiji minn tagħhom bit-tliet ilsna ewlenin. Il-lejla laħqet il-quċċata meta Rigu Bovingdon qara waħda mill-poeżiji tiegħu, miktuba b'Malti mill-isbaħ u mirqum. Wara, il-President, Charles Magro, u l-viċi-President, Patrick Sammut, ippreżentaw id-diploma ta' ħatra bħala Membru Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin lil Rigu Bovingdon, flimkien ma' xi kopji tal-antoloġiji poetiċi li l-Għaqda ppubblikat matul is-snin u medalja. F'diskors qasir, Bovingdon esprima l-ħajr tiegħu għall-fiduċja li l-Għ.P.M. wriet fih u ħeġġeġ lil dawk preżenti biex jiftakru f'dawk il-Maltin kollha li ħallew lil art twelidhom biex bnew il-familji tagħhom f'pajjiżi barranin, imma li xorta baqgħu jħobbu lil Malta b'qalbhom kollha. Fl-aħħar is-Sur Rigu Bovingdon ippreżenta lill-President tal-Għ.P.M. ċekk ta' 100 Ewro bħala turija ta' ħajr fl-Għaqda msemmija.

# L-INTERVISTA Paul Vella

**Paul Vella, twieled Ħal Balzan fl-1944. Għext il-Gżira. Kien jaħdem bħala *Linotype Operator* it-*Times/Berqa* fis-sittinijiet bikrin.**

**Issa li hemm fl-Awstralja dħaltu fir-rebbiegħa x'inhuma l-pjanijiet tal-*Maltese Literature Group*? Grupp bħal dan kemm hu effettiv biex ilaqqa' flimkien il-Maltin fl-Awstralja?**

Issa li spiċċat ix-xitwa u qegħdin fir-rebbiegħa, se nerġgħu nibdew niltaqgħu filgħaxija fl-aħħar Ġimgħa tax-xahar għax matul ix-xhur tax-xitwa konna qed niltaqgħu l-aħħar Ħadd tax-xahar wara nofsinhar kemm minħabba li ħafna jsibuha bi tqila biex isuqu fid-dlam u x-xita u kemm minħabba l-ksieħ. Issa fi ħsiebna li jkollna l-Laqgħa Annwali Ġenerali u l-Festin tal-Milied fejn niltaqgħu fuq il-proprjeta` tal-membri tagħna Frank u Draga Bonett u nagħmlu *barbecue* bla ħlas ghall-membri. Il-Grupp tagħna dejjem iħajjar lill-komunita` biex tattendi l-laqgħat tagħna u forsi jsiru membri imma nieħdu gost meta jiġu għall-Programm Mużiko-Lettararju li nagħmlu kull sena u nieħdu gost ukoll li kulħadd jibqa' hemm sal-aħħar avolja l-programm idum xi tliet sigħat. Kulħadd jieħu pjaċir u japprezza.

**Inti personalment fiex inti impenjat bħalissa?**

Jiena, barra li jien il-PRO tal-Grupp Letteratura Maltija u nieħu ħsieb il-Folju ta' kull xahar, jien ukoll PRO tar-*Reskeon Maltese Associaiton*, waħda mill-eqdem u waħda mill-ikbar għaqdiet Maltin f'Melbourne, segretarju tar-*Reskeon Seniors Group*, għaqda oħra kbira u jien xandar ta' programmi Maltin fuq radju Komununitarju f'Melbourne, 3ZZZ, li programmi tagħna jistgħu jinstemgħu minn fuq l-internet ukoll għax idumu hemm ġimgha sħiha.

**Kif iħarsu lejn Malta l-Maltin li jgħixu fl-Awstralja llum?**

Il-Maltin ta' hawn, ħafna minnhom huma anzjani u għandhom nostalġija kbira għal Malta u għadhom iħobbu u mxennqin minn dak kolllu li hu Malti. Għalhekk iħobbu jisimgħu il-programmi Maltin għaliex iħossuhom aktar qrib Art Tweldihom.



# KTIEB MILL-QRIB

***ID-DAR TA' ĦDEJN IL-BAĦAR (Bronk Publications, 2011)* ta' SALV SAMMUT**

**Binja u Stil:**
Strutturalment *Id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar* hu rumanz ta' 547 paġna li jinqasam f'41 parti: 6 partijiet għandhom l-azzjoni li sseħħ fil-preżent (rakkont ewlieni), u 35 parti huma ambjentati fl-imgħoddi (rakkont sekondarju). Hemm kapitli qosra magħmulin minn 5 paġni; l-itwal kapitli għandhom 20 paġna jew ftit iktar.

Jispikka mill-ewwel il-livell deskrittiv. Sammut iwasslilna permezz tal-kitba l-ħsejjes, l-ilwien u l-emozzjonijiet marbutin mar-raħal ta' Marsaxlokk. Id-deskrizzjoni u d-dettall jinkludu wkoll modi differenti kif jitkellmu u jaġixxu l-Maltin f'ċirkustanzi partikolari, imma anki ħsus u ħsibijiet ġewwiena tal-karattri.

Il-leħen ewlieni fil-bidu tar-rumanz, jew in-narratur, hu dak ta' ġurnalist investigattiv, Ritchie Grech, li qed ifittex l-*iscoop*. In-narrazzjoni hija fl-ewwel persuna singular, mela titħaddem il-"jien". Fir-rakkont sekondarju n-narratur huwa onnixxenti, mela dak li jaf il-ħin kollu x'għaddej minn moħħ il-personaġġi kollha u jinsab kullimkien. Hawnhekk titħaddem it-tielet persuna singular.

L-element tad-djalogu jidħol sa minn Kapitlu 1. Dan narawh fost l-oħrajn meta l-ġurnalist jiltaqa' mal-eks-spettur Pawlu Borg. Partijiet djalogati bħal dawn ikomplu jikkargaw lill-qarrej bil-kurżità. Il-kurżità tissaħħaħ malli jissemma fajl partikolari li qiegħed x'imkien fid-Depot. Huwa hawn meta tgħaddi minn moħħ il-ġurnalist li jikteb il-ktieb tiegħu minn ġrajja marbuta ma' indaġni li qed jagħmel. Huwa hawn fejn tidħol l-idea tal-metarumanz, jew aħjar fejn insibu rakkont ġewwa rakkont ieħor. Hekk *Id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar* jinbena minn ftit kapitli li jintrabtu mal-preżent li fih qed jgħix Ritchie Grech, u ħamsa u tletin oħra li jwasslu r-rakkont li qed jikteb il-ġurnalist, rakkont li seħħ fl-imgħoddi.

Proprju fil-kapitli marbutin mar-rakkont ewlieni, mela fejn hemm Ritchie, in-narratur jitkellem dwar l-istess proċess li jwassal għall-ħolqien tal-letterartura. Partijiet bħal dawn iservu bħala pawża fir-ritmu tar-rakkont l-ieħor. Passat u preżent jiltaqgħu għal waqt wieħed meta l-ġurnalist Ritchie jiddeċiedi li jiltaqa' (fil-preżent) ma' George u Marianne. B'xorti ħażina Ritchie ma jakkwista xejn minn din il-laqgħa ladarba George jeċċita ruħu wisq meta l-ġurnalist isemmilu d-dar ta' Dellimara. Anki hawn il-qarrej bħal jistaqsi, "Għaliex dan?"

Permezz tal-laqgħa bejn in-narratur u r-raġel l-irqajjaq fid-dar abbandunata, imma anki permezz tat-tagħrif li l-ġurnalist jakkwista mingħand il-fattiga Jeannie, Sammut jaħdem sa mill-bidu nett biex l-istorja tiegħu tiġġenera interess fil-qarrej. Dawn l-ewwel kapitli jservu bħala aperittiv għal dak li se jsegwi.

Spiss Salv Sammut matul ir-rakkont jagħmel referenza għaż-żmien. Hemm drabi meta ma jsirux riferimenti konkreti għaż-żmien għalkemm jingħata ħjiel tal-istaġun ("Ix-xemx kienet dgħajfa fir-raġġi tagħha u donnu li dan il-fatt aktar żied id-dlik ta' għaraq jeħel ma' ġisem dak li jkun.", p. 395). Drabi oħra jsiru riferimenti temporali konkreti (eż. p. 396 fejn jissemma l-aħħar ta' Awwissu).

Hemm drabi meta Salv Sammut jibni klajmaks li fl-aħħar mill-aħħar ma jasalx apposta (f'każ

# KTIEB MILL-QRIB kont...

wieħed dak li għall-ewwel jidher inċident tat-traffiku aktar 'il quddiem jinbidel f'theddida għal waħda mill-personaġġi). Dan żgur biex il-qarrej ikompli jaqra b'entużjażmu r-rumanz, kapitlu wara l-ieħor.

Jinħass ukoll li bil-mod il-mod qed tinħadem xibka minn angoli differenti biex fl-aħħar jinqabad fiha Donald, iżda min-naħa l-oħra, jinħass ukoll li Donald hu makakk u korrott tassew. Aktar tard fir-rumanz Sammut jintroduċi element ieħor li jagħti spinta lir-rakkont: l-iskoperta mill-Ispettur ta' raded f'għamla ta' stilla. Hawn il-qarrej jistaqsi: iseħħu ritwali ta' quddiesa sewda ħdejn id-dar ta' ħdejn il-baħar? Tissemma wkoll kaxxa żgħira sigrieta li Donald iżomm magħluqa ġo kexxun bi stilla f'ċirku fuq l-għatu tagħha.

L-awtur għandu wkoll ħabta jintroduċi elementi jew ħjiel fl-aħħar parti ta' xi kapitli li jservu bħala ħolqa fil-katina tan-narrazzjoni sħiħa. Sammut jinkludi wkoll siltiet riflessivi u poetiċi. Dawn tal-aħħar iservu ta' pawża min-narrazzjoni ewlenija ("Id-dinja tal-istħajjil xi drabi tista' tnissel u titfisser bħala ħarba mir-realtà"). F'dan ir-rumanz Salv Sammut jinkludi wkoll ħames poeżiji minn tiegħu: *Id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar*; *Spirtu*; *Iż-Żifna tad-Dellijiet*; *Il-Misteru Mifhum* u *Mirage*.

Xi drabi wkoll, ir-rakkont jinftiehem bħala ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin, ġlieda li waqtha daqqa wieħed ikun fuq quddiem u daqqa l-ieħor, ġlieda li tkompli għaddejja sal-aħħar nett. Hawn ir-rakkont isir jixbah lil logħba taċ-ċess: hemm il-ħsieb u l-istrateġija min-naħa ta' min qed jilgħab, qabel ma jagħmel il-pass li jmiss.

Hemm ukoll għadd ta' *flasbacks*. Permezz t'hekk insiru nafu kif bdiet il-ħbiberija bejn Madeleine u l-maħbub tagħha Ġanni; insiru nafu anki dwar il-karattru manipulattiv ta' Donald sa minn żmien l-Università. Kontra l-*flashback* hemm dawk il-waqtiet meta Sammut jagħti ħjiel ta' dak li jkun se jseħħ aktar 'il quddiem, ħjiel li jinftiehem biss mill-qarrej attent.




Lejn l-aħħar parti tar-rumanz Sammut iżid fir-ritmu u fil-qawwa tat-tensjoni. Hawn Sammut jintroduċi r-rit tal-quddiesa s-sewda, element li tradizzjonalment huwa meqjus bħala tabù fil-letteratura Maltija, għalkemm ġie ttrattat minn ftit kittieba oħra. It-tmiem huwa wieħed hieni ladarba jirbaħ it-tajjeb (kontra t-tmiem li kien jagħżel għar-rumanzi tiegħu l-kittieb Sqalli, Leonardo Sciascia), minkejja li jinkixfu bosta ħwejjeġ u persuni ta' pożizzjoni importanti fil-pajjiż. It-tmiem tar-rakkont sekondarju huwa verament effettiv. Fl-Għeluq, imbagħad, Sammut joħodna lura għall-preżent u għar-rakkont ewlieni, mela għall-ġurnalist Ritchie Grech.

**Patrick Sammut**

# IL-POEŻIJI

## FEJN KONT?

Fejn kont
xħin sħab sewdieni
dallam lil ħajti?
Ippruvajt infittex
lil min iwennisni,
jimlini bit-tama
biex ngħix il-ħajja ferħana
li dejjem kont naf.

Fejn kont
xħin saħħti ġarrbitni
u ħsibtni qed nara
tiegħi t-tmiem?
Fittixt lil min nafda
ħalli jwennisni
u jerġa' jgħabbini
fuq il-karru tal-ħajja
tas-saħħa li tlift.

Fejn kont
matul ħajti
meta mwarrab
ħassejtni mirbuħ?
Xtaqt il-wens tiegħek
biex terġa' tibnili
l-fiduċja li kelli
matul ħajti kollha
u li issa kont tlift.

Fejn kont?
Għidli: fejn kont?

Kont hawn...
Dejjem ħdejja!

**PAUL VELLA**
Melbourne, Mejju, 2012

## THE DIVER

I leave gravity behind me
as I part the soft surface
and hover over another world
of quietness, desolation in perplexity.
Over my head I hive a sky
wrinkled with light serpenting
in brisk commotion reflecting a maze
of sprightly light creeping majestically
in harmony over the green-carpeted floor,
stretching unending so restfully below me.
I float in the atmosphere of depths –
a cosmonautical creature in the watery space,
finned, weightless, goggled in the company
of lively dolphins in banishment of humans.
I brace to my life
a life not long ago unlived,
and yet so pleasant
while keeping me
so mesmerised
while it lasts.

**MAURICE MIFSUD BONNICI**

## PONTI

C'incontriamo
ci parliamo ancora
nel mondo iperuranio delle idee
nel sito imperscrutabile dei sogni.
Il dialogo scavalca
il muro imprescindibile dell'oltre,
dialoghi-ponti
con il passato e forse
con il futuro
duro a immaginare.

**AMERIGO IANNACONE**
Ceppagna, 30 giugno 2012

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***IL-QADDISA TAS-SALIB—ORATORJU F'ĠIEĦ S. ELENA*, Mużika ta' Mro Clifford Cauchi u Kliem ta' Therese Pace, 2012**

*Minn kliem l-Awtriċi*: "Dan huwa l-ewwel oratorio li għalih ktibt il-lirika iżda nemmen li l-lingwaġġ użat fih jixraq u jagħti ġieħ lil Sant'Elena l-Patruna ta' Birkirkara […] Il-kelma Maltija magħżula, ir-ritmu u r-rima flimkien mal-istil varjant tal-versi kif imżewweġ mal-mużika emottiva tal-kompożitur, is-Surmast Clifford Cauchi, għandhom joħolqu espressjoni lirika u melodjuża […] Biex seħħli nwettaq dan, tnebbaħt minn elementi varji tal-Iskrittura Mqaddsa, kitbiet dwar Sant'Elena, minn oħrajn ta' natura storika u mill-internet." Dan l-Oratorju ttella' fil-Kolleġġjata Bażilika S. Elena f'Birkirkara nhar il-Ġimgħa 10 t'Awwissu 2012.




***KASTELL GĦAL CLARA*, ta' Lina Brockdorff, Klabb Kotba Maltin, 2012.**

*Mid-Daħla ta' Oliver Friggieri:* "Dan ir-rumanz ta' Lina Brockdorff huwa punt ta' wasla fil-mixja letterarja tagħha, il-frott ta' proċess ta' maturazzjoni ta' awtriċi li mxiet it-triq kollha bi prudenza, b'reqqa għal kull pass, sakemm waslet għall-ħakma tar-rakkuntar kif jidher f'*Kastell għal Clara*. Għaliha r-rakkontar għandu dejjem ikun ċar, mexxej, ħieles minn kumplikazzjonijiet żejda, minn stejjer jew intervalli sekondarji li jtellfu l-iżvolġiment tan-nisġa ċentrali, jew anki jwaqqfuh għal perijodi mdaqqsa. Hi tħaddem din l-għażla teknika ftit jew wisq dejjem, kemm f'xogħol twil u kemm f'xogħol qasir. Bir-rumanzi tagħha hija qiegħda toffri kwadru ġenerali wieħed, minsuġ ftit jew wisq b'teknika waħda, imdawwal qabel xejn mill-prinċipju li l-letteratura għandha qabelxejn impenn morali."




***SPONDE AMANTI*—Ġabra ta' poeżiji ta' Mario Attard u Patrick Sammut, 2012**

*Kumment ta' Therese Pace*: "Fil-ġabra poetika *Sponde Amanti* li tħaddan fiha tnejn u erbgħin poeżija bit-Taljan ta' żewġ poeti għalliema, Mario Attard u Patrick Sammut, hemm għadd ta' aspetti komuni għat-tnejn: it-tnejn huma msajjra sew fil-lingwa Taljana, it-tnejn juru li ma jħaddnux pretensjonijiet żejda għajr li jgħixu kuntenti u fil-paċi, it-tnejn għażlu l-vers ħieles biex jesprimu ħsibijiethom, it-tnejn jistqarru li jittamaw f'ġejjieni aħjar, dak ambjentali kif ukoll dak soċjali, it-tnejn huma konxji tal-ambjent soċjali li qiegħed jiddeġenera, tat-taħwid u l-inċertezzi u għalhekk, ta' persuni responsabbli li huma jħossu fihom id-dmir li jwissu liż-żgħażagħ biex joqogħdu attenti għax jafu li ż-żgħażagħ huma s-soċjetà ta' għada. *Se non ora, Quando* u *Come le vele* (Attard) u *Questa lingua di terra, Natale a scuola* u *Siamo tutti fuggiaschi* (Sammut) huma xhieda ta' dan."